MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSEPH MIFSUD

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2015

Numru. 126/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Antonio Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Antonio Borg**, ta' sebgha u sebghin (77) sena, iben Giovanni u Giovanna nee' Mifsud, imwieled Valletta Malta, fis-16 ta' Gunju 1936 u residenti 'Busy Bee', Flat 1, Triq tal-Konti, Zebbug, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 456236(M), akkuzat talli nhar il-25 ta' Novembru 2013, gewwa l-kumpless bl-isem Duke, fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex, hekk ghall-habta tad-disgha u kwart ta' filghodu (9.15am);

1. Bil-hsieb illi joqtol lil Josef Galea jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Josef Galea u dan bi strument li jaqta' u bil-ponta;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabad armi kontra n-nies;

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuni ta' Josef Galea u Walter Michael Farrugia sabiex jingurjahhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurja jew hedded lil Josef Galea u Walter Michael Farrugia;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil Josef Galea u Walter Michael Farrugia biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom;

9. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuni ta' Josef Galea u Walter Michael Farrugia kellu fil-pussess tieghu arma regolari;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija barra l-piena skont il-ligi tapplika l-Artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tordna il-konfiska tal-corpus delicti u dan skont l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 185 u 186) datata 4 ta' Gunju 2015 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 41(1)(a), 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 214, 215, 221 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.
(g) Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(h) Artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) Artikoli 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-10 ta' Gunju 2015 (*a fol.* 187), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-4 ta' Gunju 2015, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghatu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu ghat-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena fejn dawn qablu bejniethom dwar il-parametru li l-Qorti ghandha timxi maghhom fejn tidhol piena.

Fis-sottomissjonijiet hareg li llum l-imputat ghandu 79 sena u jghix wahdu fil-long stay fl-Isptar Generali ta' Ghawdex u

m'ghandux min idur bih. Qrabatu jinsabu kollha l-Awstralja u minhabba l-istat dghajjef ta' sahhtu jkun jaqbel li jinghaqad ma' qrabatu wara li jintemmu dawn il-proceduri.

L-abbli avukat difensur l-avukat Joe Ellis talab skuza f'isem l-imputat ta' dak li sehh fejn iddispjacih tal-incident.

Il-Qorti taghmilha cara li mhux accettabli f'socjeta' civilizzata bhal taghna li wiehed ghax ikollu argument ma' xi hadd jispicca johrog arma u jikkaguna griehi fuq il-persuna li kellha l-argument mieghu. Alla hares ghal kull argument li jinqala' jew nuqqas ta' qbil, il-persuni jirrikorru ghall-armi.

Il-Qorti mhix se tittollera sitwazzjonijiet fejn persuni jiehdu l-ligi b'idejhom u jirrendu din il-gzira bhala gungla.

Dak li ghamel l-imputat dakinnhar li sehh il-kaz huwa wiehed gravi hafna u kkundannabli.

**Ikkonsidrat**

Il-Qorti ser tiehu l-opportunita' minn dan il-kaz sa biex jitwassal messagg dwar it-tbatija li jghaddu minnha anzjani li jispiccaw wehidhom kagun ta' diversi cirkostanzi.

Fil-maġġoranza tagħhom, l-anzjani f'pajjizna huma mgħożża mill-qraba tagħhom. Hekk għandu jkun għaliex hekk jixirqilhom. Izda ma nistgħux ninsew il-fatt li numru sinifikanti tal-anzjani jgħaddu minn esperjenzi ta' solitudni ghaliex ikunu spiccaw wehidhom.

F'certu kazijiet l-anzjanità tfisser tbatija u wgiegh, specjalment meta l-anzjani jibdew jiffaccjaw izolament u jekk ma jħossuhomx ukoll imwarrba.

Mhux l-anzjani kollha għandhom uliedhom li jistgħu jgħinuhom u jduru bihom. Hemm min uliedu jinsabu 'l bogħod minn pajjizna u oħrajn li m'għandhomx ulied. Hemm ukoll min jabbanduna lil qraba tieghu f'xi wahda mid-djar tal-anzjani f'pajjizna u rari jersaq lejhom ghal diversi ragunijiet.

L-aktar li tkun iebsa l-ħajja għall-anzjani li jgħixu waħedhom hija meta jimirdu u ma jkollohmx min idur bihom.

F'dan kollu ghandna naprezzaw hafna izjed is-servizz li jaghtu dawk li jahdmu f'dawn id-djar li b'tant ghozza jindukrawhom b'mod uman u professjonali, b'rispett u ghozza.

**Ikkonsidrat**

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni. Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013 "*Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din m'hix utopija, nistgħu naslu għaliha. M'hix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*"

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Decide**

Ghall-finijiet ta′ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat u li gew minnu ammessi, il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni, il-kundizzjoni specjali li jinsab fiha l-imputat u li ghandu fedina penali netta.

Ghalhekk wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 6,17, 31,41(1)(a), 51(7),214, 215, 216, 217, 221, 251, 339(1)(b), 339(1)(d), 338(dd), 339(1)(e), 532A u 533 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta′ Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta′ l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta′ sitt (6) xhur prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta′ dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta′ l- Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta′ Malta, tissospendi t-terminu ta′ sitt (6) xhur prigunerija ghal sena (1) b′effett mid-data ta′ din is-sentenza.

A tenur ta′ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv ta′ din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta′ prigunerija.

Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta′ Malta tas-sikkina esebita f'dawn l-atti (Dok. "FT 5" a fol. 3).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------